

32004R0296

20.2.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 50/15

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 296/2004**tad-19 ta' Frar 2004****li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1848/93 li jniżżel regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2082/92 dwar iċ-ċertifikati ta' karattru speċifiku għall-prodotti agrikoli u ikel**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2082/92 ta' l-14 ta' Lulju 1992 dwar iċ-ċertifikati ta' karattru speċifiku għall-prodotti agrikoli u ikel ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 20,

billi:

- (1) Is-simbolu tal-Komunità u l-indikazzjoni msemmija fl-Artikolu 12 u 15 tar-Regolament (KEE) Nru 2082/92 huma komposti mill-mudelli li jidhru fil-partijiet A u B ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1848/93 ⁽²⁾.
- (2) Is-simbolu Finlandiż u Svediż u l-indikazzjonijiet għandhom ikunu miżjuda ma' l-Anness imsemmi hawn fuq u s-simboli u l-indikazzjonijiet użati mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' l-Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja għandhom ikunu dikjarati validi sakemm jikkonformu mal-mudelli f'dan l-Anness.

- (3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Regolatorju dwar iċ-Ċertifikati ta' Karattru Speċifiku,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 1848/93 huwa mibdul hawnhekk mill-Anness ta' dan ir-Regolament.

Is-simboli u l-indikazzjonijiet fil-Finlandiż u fl-Isvediż użati mid-dħul fis-seħħ ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, l-Isvezja u l-Finlandja għandhom ikunu validi sakemm jikkonformu mal-mudelli li jidhru fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fl-20 ġurnata wara li jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-19 ta' Frar 2004.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 208, 24.07.92, p. 9. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, 16.05.03, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 168, 10.07.93, p. 35. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 2182/98 (ĠU L 275, 10.10.98, p. 18).

L-ANNESS

Parti A

Dansk



Deutsch



Ελληνικά



English



Español



Français



Italiano



Nederlands



Português



Suomi



Svenska



Parti B

Dansk	GARANTI FOR TRADITIONEL SPECIALITET
Deutsch	GARANTIERT TRADITIONELLE SPEZIALITÄT
Ελληνικά	ΕΙΔΙΚΟ ΠΑΡΑΔΟΚΟ ΠΡΟΪΟΝ ΕΙΤΥΗΜΕΝΟ
English	TRADITIONAL SPECIALITY GUARANTEED
Español	ESPECIALIDAD TRADICIONAL GARANTIZADA
Français	SPÉCIALITÉ TRADITIONELLE GARANTIE
Italiano	SPECIALITÀ TRADIZIONALE GARANTITA
Nederlands	GEGARANDEERDE TRADITIONELE SPECIALITEIT
Português	ESPECIALIDADE TRADICIONAL GARANTIDA
Suomi	AITO PERINTEINEN TUOTE
Svenska	GARANTERAD TRADITIONELL SPECIALITET
